MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 329/2012

**Joseph Briffa**
**(ID 294843M)**

**vs**

**Bayswater Contracting Co Ltd**
**(C 10495)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Ottubru 2012 fejn l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallsu s-somma ta' tmint elef, hames mija u sebgha u sebghin Ewro, disgha u tletin centezmu (€8,577.39) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' Project Manager li inghata fuq struzzjonijiet taghha stess abbazi ta'skrittura privata datata 8 ta' Mejju 2012.

Rat ir-risposta tas-socjeta rikorrenti ippresentata fit 23 ta' Novembru 2012 fejn cahdet it-talba bhala infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi ma tesisti ebda skrittura privata.

Semghet ix-xhieda ta' **Joseph Briffa** moghtija fit 22 ta' Frar 2013 u fid-29 ta' April 2013 u rat id-dokumentazzjoni minnu ippresentata, inkluz l-iskrittura private tat-8 ta' Mejju 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Clayton Simiana** moghtija fid 29 ta' April 2013.

Rat in-nota tal-konsulenti legali tas-socjeta intimata ippresentata fit 30 ta' Mejju 2013 illi biha iddikjaraw li kienu qed jirrinunzjaw mill-patrocinju tas-socjeta intimata.

Rat illi fis-seduta tat 3 ta' Gunju, 12 ta' Lulju u 8 ta' Novembru 2013 is-socjeta intimata u rappresentant taghha qatt ma deher.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2013 l-attur pprezenta kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 35).

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2013 is-socjeta konvenuta giet imsejjaha izda ma deheritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat illi s-socjeta initmata ma dehritx beix tikkontesta l-kapitolu ippresentat kontriha fit 8 ta' Novembru 2013 issib li t-talba tal-istess attur tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lil- attur is-somma ta' tmint elef, hames mija u sebgha u sebghin Ewro, disgha u tletin centezmu (€8,577.39) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' Project Manager li inghata fuq struzzjonijiet taghha stess abbazi ta'**

**skrittura privata datata 8 ta' Mejju 2012 u dana ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta kif mitluba w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi mill-presentata ta' dana l-avviz.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------